**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 15 ta' Lulju 2021;**

**Rikors nru: 231/21 AGV ;**

**AB u**
**CB sive D**
**Vs**

**X**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kongunt, datat 8ta' Gunju 2021, fejn iz-zewg partijet, AB u CB, esponew bir-rispett:

1. Illi l-partijiet izzewgu fl-10 ta' Lulju, 1999, u dan minn kif jidher mill-att taz-Zwieg li jgib in-numru 1204/1999, liema att huwa anness u mmarkat Dok A;

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied, li huma E u F, li llum ghad hemm manteniment dovut lejhom u dan ghaliex fil-kaz ta' G sive E, li twieled fl-20 ta' Awwissu, tas-sena 2002, u allura llum huwa ghandu 18-il sena u jistudja, waqt li H sive F, li twieldet fit-23 ta' April tas-sena 2004, u allura ghandha 17-il sena, ghadha tistudja;

3. Illi l-partijiet kienu sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 24 ta' Ottubru tas-sena 2013 fl-atti tan-Nutar Joseph Taboen, insinwat fil-31 ta' Ottubru 2013 u dan minn kif jidher mill-kopja tal-istess kuntratt hawn anness u mmarkat Dok B;

4. Illi minn kif jidher minn pagna 2 paragrafu 2, tal-istess kuntratt ta' separazzjoni, il-partijiet kienu rrinunzjaw li jitolbu manteniment minghand xulxin, filwaqt li r-ragel obbliga ruhu li jaghti l-manteniment ta' tlitt mja w sittin Ewro (360) fix-xahar ghal uliedhom E u F, kull wiehed / wahda , li jithalls kull xahar permezz ta' standing order u allura r-rikorrenti AB jivversa l-ammont globali ta' seba' mija w ghoxrin Ewro (720), liema manteniment jinkludi l-ikel, il-hwejjeg, spejjez tad-dar, l-edukazzjoni , is-sahha u l-attivitajiet extra-kurikulari ta' dawn iz-zewg ulied;

5. Illi fir-rigward tal-manteniment, irid jigi dikjarat li ma hemmx kwistjonijiet ta' manteniment, bejn il-partijiet versu l-ulied u dan ghaliex il-missier dejjem ivversa lill-omm puntwalment l-ammont ta' manteniment kif spjegat;

6. Illi in vista li r-rikorrenti ilhom aktar minn erba' snin (4) legalment separati, ma hemmx possibilita' ta' rikonciljazzjoni bejniethom u l-obbligazzjonijiet assunti fil-kuntratt ta' separazzjoni, fosthom il-manteniment, kollha qed jigu onorati, ir-rikorrenti, flimkien u konguntivament bejniethom, jidhrilhom li huma jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tal-hall taz-zwieg skont l-Artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti, sabiex :

Tippronunzja l-hall taz-zwieg ossija d-divorzju bejn il-partijiet;

Tordna lir-Registratur tal-Qorti, sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, sabiex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku.

Taghti dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni ghall-ahjar otteniment tal-Hall taz-Zwieg bejn ir-rikorrenti.

**DECIDE:**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

| | |
|---|---|
| **Onor. Anthony G. Vella** | **Cettina Gauci** |
| **Imhallef** | **Dep. Reg.** |